KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 75

**Il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre,* Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dott. Daniel Attard ppresjeda l-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.

## 75.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

75.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Bugeja. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

## 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

75.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

75.2.2 Il-Viċi Sindku propona li dawn jiġu approvati filwaqt l-Kunsillier Mifsud issekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 75.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

75.3.1 Is-Sindku informa li kien attenda ghal programm fuq it-televizjoni fejn kien ta xi informazzjoni dwar ix-xogħlijiet tal-Kunsill. Huwa informa li kien hemm suġġeriment biex isiru aktar parkeġġi għal muturi u għaldaqstant talab lis-SE sabiex tittieħed azzjoni fejn hu possibbli.

75.3.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex jiġi konkluz il-ftehim għall-uzu tal-kmamar ma' tal-*Motor Cycles Association*.

75.3.3 Hawnhekk is-Sindku għamel talba li tiġi sospiza l-laqgħa b'mod temporanju. Il-ħin kien is-7:20pm. Il-laqgħa reġgħet bdiet fis-7:30pm.

75.3.4 Is-Sindku informa li resident kien infurmah li kellu l-ħsieb li jiftaħ ħanut tal-ħaxix fi Triq is-Sardinell. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jevalwa l-applikazzjoni ladarba tasal. Sakemm ma jkunx hemm oġġezzjonijiet min-naħa tar-residenti tal-madwar u sakemm ikollu l-permessi kollha neċessarji, il-Kunsill ma kienx se jsib oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni.

## 75.4 Jum l-Imtarfa

75.4.1 Is-SE infurmat li kien se jitqassam fuljett dwar l-attività Poe-Muzikali li se tinzamm is-Sibt 28 ta' April 2018 fis-7:30pm. Min-naħa tal-Iskola Primarja kienu infurmaw li ma kienx possibbli li jikru z-zewġ swali bħas-soltu u għaldaqstant hija kienet ikkonfermat l-*availability* ma' Dar Kenn għal Saħħtek. Dawn kienu aċċettaw it-talba tal-Kunsill li din l-attività ssir fis-sala u l-ġnien tagħhom. Kien hemm qbil li l-Kunsill se jkun lest li jagħmel ħlas nominali għall-uzu tas-sala li ma jaqbizx aktar mill-ħlas li jsir is-soltu lill-Iskola Primarja.

75.4.2 Hawnhekk il-Viċi Sindku propona li minħabba ċ-ċokon tal-lokalità ma nibqgħux nilqgħu u nippremjaw 3 persuni ta' kull sena u jibda jingħata biss Ġieħ l-Imtarfa. Anke għaliex, biex ikun

unur ta' vera, għandu jkun hemm biss unur wieħed. Il-Kunsill qabel li għas-sena d-dieħla, il-Kunsill għandu jiddiskuti dan is-suġġeriment u jieħu deċizjoni fil-waqt.

## 75.5 Rapport dwar tneħħija ta' affarijiet minn fuq l-inventarju

75.5.1 Is-SE infurmat li kienet qed tgħaddi lista ta' affarijiet li ma kinux għadhom tajbin u għaldaqstant kienet qed titlob il-permess tal-Kunsill sabiex dawn jintremew.

75.5.2 Il-Kunsill approva li dawn l-affarijiet li huma mnizzla fuq il-lista mehmuza jitneħħew minn fuq l-inventarju.

## 75.6 Attività – Military Mtarfa 2018

75.6.1 Is-SE fakkret lill-Kunsill li kienet irċeviet konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li dawn kienu qed joffru s-somma ta' €5000 bħala għajnuna lill-Kunsill biex itella' l-attività ta' Military Mtarfa għas-sena 2018. Għaldaqstant, ladarba dawn ma kinux qed ikopru l-ispiza kollha, hija talbet lill-Kunsill sabiex jirrevedi l-baġit allokat għal din l-attività minħabba li oriġinarjament fil-bidu tas-sena dan kien sar għas-somma ta' €23,000.

75.6.2 Il-Kunsill qabel li għandu juza biss €5,000 mill-allokazzjoni tiegħu għal din l-attività filwaqt li l-maġġorparti tal-kumplament għandhom jintuzaw fuq xogħlijiet kapitali. Hija ġiet mitluba sabiex izzomm l-ispejjez sa €10,000 b'mod komplessiv u li ma jeccedux it-€12,000.

Wara diskussjoni u fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li l-attività għandha tersaq aktar lejn iċ-ċentru tar-raħal u għaldaqstant kien hemm qbil li tintuza prinċiparjament iz-zona ta' bejn l-eks barracks u madwar il-pjazza ta' quddiem it-torri tal-arloġġ.

## 75.7 Xogħlijiet infrastrutturali fl-Imtarfa

75.7.1 Is-SE infurmat li matul ix-xahar li għadda, il-Kunsill lesta dawn ix-xogħlijiet permezz tal-kuntrattur tiegħu:

Rampa fi Triq it-Torri tal-Arloġġ
Rampa fil-bankina ta' wara l-Kunsill
Il-*culvert* ta' ħdejn Baden Powell Scouts
Sar mill-ġdid ix-xogħol fi Triq in-Narċis

75.7.2 Fir-rigward tal-konkos ta' wara l-*bus shelter* ta' Triq San David, kien hemm qbil li għandha tingħata l-parti kollha anke minħabba li hemmhekk kull filgħodu jkun hemm ħafna tfal jistennew il-karozza tal-iskola u jitwaħħal ukoll bank fuq wara tat-tabella tal-isem tat-triq.

75.7.3 Fakkret ukoll li kien reġa' sar mill-ġdid ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq San David u skont kif kien ġie miftihem permezz tal-*email*, iz-zona kienet tkabbret biex sar traqqigħ b'mod aktar espansiv. Hija fakkret li l-maġġorparti ta' din l-ispiza kienet se tiġi koperta minn fondi tad-Dipartiment li ngħataw lir-Reġjun Tramuntana.

75.7.4 Hija infurmat li qed tinsisti mal-periti tal-Kunsill sabiex matul ix-xhur li ġej jiġu rranġati l-bankini fi Triq it-Torri tal-Arloġġ biex nakkomodaw aktar parkeġġi u jinbeda l-proġett ta' bankina ġdida u parkeġġi fi Triq l-Imtarfa, quddiem il-ħwienet. Sadanittant infurmat li kienet inqalgħet il-problema dwar l-installazzjoni tal-*bus shelter* fi Triq l-Imtarfa fejn residenta kienet

waqqfet lill-Kunsill minħabba li qed talludi li s-saqajn tal-*bus shelter* il-ġdid kienu se jitpoġġew fuq proprjetà tagħha. Is-SE infurmat li min-naħa tagħha kienet talbet parir lill-avukat tal-Kunsill. Wara li nqrat il-korrispondenza min-naħa tal-avukat u saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera prezenti, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinstalla dan il-*bus shelter* kif miftihem. Kemm-il darba jkun hemm problema s-SE għandha titlob l-għajnuna tal-pulizija tad-Distrett. Fir-rigward tal-*bus shelter* l-antik, dan għandu jitpoġġa fuq il-*platform* fejn kien hemm il-*bus shelter* tal-ġebel u twaqqa' b'inċident tat-traffiku.

75.7.5 Hija infurmat li kien hemm ukoll talba biex issir rampa fi Triq San David u għaldaqstant talbet il-permess tal-Kunsill sabiex japprova li titmexxa z-*zebra crossing* għan-naħa l-oħra tal-grada tad-Dar tal-Anzjani sabiex isservi kemm bħala rampa għalihom (f'kaz ta' emerġenza) kif ukoll għall-istess *zebra crossing* għaliex fil-prezent m'hemmx ranep fiha. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li ladarba din tiġi approvata l-Kunsill kellu jagħmel applikazzjoni wkoll għall-installazzjoni ta' *pelican lights*.

75.7.6 Infurmat ukoll li kienet irċeviet l-approvazzjoni mill-ERA sabiex jinħattu u jinbnew mill-ġdid il-*planters* ta' Triq il-Ġizi u Triq il-Ġilju, jitneħħew is-siġar li hemm prezentament u minflokhom jitħawlu oħrajn ġodda li huma indiġeni u li ma jagħmlux ħsara lill-infrastruttura. Hekk kif il-Kunsill jirċievi l-approvazzjoni min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, seta' jingħata bidu biex jitneħħa l-periklu u jinħattu l-*planters*.

## 75.8 Tpoġġija ta' *CCTV Cameras* fi Triq San Alessi

75.8.1 Is-SE infurmat li kif approvat waqt il-laqgħa preċedenti, kienu ġew ordnati 4 *floodlights* kif ukoll 4 CCTV *Cameras* għal Triq San Alessi fuq talba tal-Awtorità tad-Djar.

75.8.2 Hija infurmat li kemm il-*floodlights* kif ukoll is-*CCTV cameras* kienu twaħħlu u kienet se tibgħat l-*invoices* lill-Awtorità tad-Djar għar-rifuzjoni tal-ħlasijiet hekk kif ikunu ġew proċessati min-naħa tal-Kunsill.

## 75.9 Aġġudikazzjoni tal-offerta (MTFLC/T/07/2017) – *Turnkey services for the upgrading of the reception area at the Mtarfa Local Council offices using environmentally friendly measures*

75.9.1 Is-SE għaddiet kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni lill-Kunsill. Hija infurmat ukoll li l-kuntrattur kien ġab is-*samples* kif mitlub u li kienu konformi ma' dak mitlub.

75.9.2 Il-Kunsill approva din l-offerta u għaldaqstant intagħzel il-kuntrattur bin-numru 000085846 minħabba li kellu l-irħas offerta.

75.9.3 Is-SE se tieħu ħsieb tmexxi bil-proċedura normali sabiex il-kuntrattur jiġi mgħarraf u jekk ma jkunx hemm appelli jinbeda x-xogħol meħtieġ fuq il-*front office*.

75.9.4 Hawnhekk skuza ruħu l-Viċi Sindku. Il-ħin kien id-20:45pm.

## 75.10 Zjara ġewwa Pumpherston

75.10.1 Is-SE infurmat li fil-prezent il-*photobook* wasal biex jiġi ffinalizzat. Kif kien miftihem, il-Kunsill kien se jippubblika dan il-ktieb bir-ritratti dwar il-lokalità tal-Imtarfa u se tiġi prezentata kopja lill-Kunsill ta' Pumpherston kif ukoll lil kull Kunsillier tagħhom waqt l-attività tal-ġemellaġġ fl-Iskozja.

75.10.2 Kien hemm qbil li s-SE u s-Sindku għandhom jassiguraw li jinxtraw numru ta' rigali oħra adatti għal waqt iz-zjara.

75.10.3 Fuq talba tas-SE kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-parteċipanti kollha.

75.10.4 Hawnhekk daħal lura l-Viċi Sindku. Il-ħin kien 20:50pm.

## 75.11 Punti oħra

75.11.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa tad-Dipartiment fejn il-Kunsill intalab jinforma jekk hux interessat li jingħata xi tip ta' vettura elettrika jew *hybrid* għall-uzu tal-Kunsill kif ukoll l-installazzjoni ta' *charging station*. Din il-vettura tista' tintuza kemm għall-komunità, inkella għal xogħlijiet jew għall-uzu ġenerali madwar il-lokalità. Il-Kunsill qabel li għandu bzonn ta' *mini van* għall-komunità filwaqt li ċ-*charging point* għandha ssir quddiem l-Eks Skola Sekondarja.

75.11.2 Is-Sindku spjega li l-Perit Musumeci kien għadda rapport oġġettiv dwar it-tiġrif tal-belveder tal-bosk. Huwa informa li rapprezentanza tal-Kunsill kienet iltaqgħat mal-periti imma dawn ma kinux aċċettaw responsabbiltà għal dak li ġara u insistew li mhux tort ta' negligenza tagħhom. Kif mitlub mill-Kunsill, is-SE talbet il-parir tal-avukat fejn dan informa li mid-dokumentazzjoni u mill-analizi jidher li l-Kunsill ma kellux provi bizzejjed biex jaċċerta t-tort u għaldaqstant talab lill-Kunsill sabiex dan il-kapitlu jingħalaq darba u dejjem billi l-Perit Musumeci jintalab jikkwantifika l-ammont. Kif issuġġerit minnhom stess, il-periti se jintalbu jagħmlu xogħol bla ħlas għal 80% tal-ammont skont kif speċifikat minn Dott. Musumeci. Il-Kunsill qabel. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur li ħadem fuq il-bosk.

75.11.3 Hawnhekk, il-Kunsillier Mifsud talab lis-SE sabiex tikkonferma ma' TM dwar jekk jistgħux jitpoġġew xi bollards hekk kif wieħed jidħol għal Triq tal-Palma minħabba li qed ikun hemm xi inċidenti tat-traffiku minħabba li hemm min mhux josserva l-marki ta' mal-art.

## 75.12 Kommunikazzjoni min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

75.12.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li kien għamel mistoqsija parlamentari dwar iċ-ċitazzjonijiet li ngħataw matul il-ġimgħat ta' qabel fil-pjazza kif ukoll fi Triq it-Torri tal-Arloġġ u xi toroq oħra. Il-Ministru kien ta risposta li t-talba għal dan is-servizz kienet saret mill-Kunsill. Is-SE infurmat li qatt ma ntbagħtet talba lill-gwardjani dwar parkeġġ illegali fil-pjazza u li l-informazzjoni li kellha hi kienet li t-talba kienet twasslet mingħand resident stess.

75.12.2 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Regjun jista' jaghti sa €400 sabiex jiġi ppubblikat fuljett promozzjonali għall-attività ta' Military Mtarfa 2018 sakemm ikun hemm il-logo tar-Reġjun Tramuntana f'post prominenti.

## 75.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

75.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 75.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

75.13.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:25pm u ġiet aġġornata għall-19 ta' April fis-7:15pm.

Konfermati, illum 19 ta' April 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Daniel John Attard | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |